SAN FILIPPU T'AGGIRA

TIFKIRA

TA'

GHELUQ IL-MITT SENA

TAL-MIĠJA FOSTNA TA'

L-ISTATWA TA'

San Filippu t'Aggira

1863 — 1963

DAĦLA

F'ġheluq il-mitt sena minn mindu l-magħruf u bravu skultur Luigi Fontana wettaq il-kapolavur tiegħu bl-iskultura fil-fidda ta' l-Istatwa ta' San Filippu t'Aġġira, għall-Parroċċa ta' Ħaż-Zebbuġ, kienet ħaġa f'postha li jingħata xi ħjiel dwar din l-Istatwa.

Kien għal dan l-iskop illi nġabru f'dan il-ktejjeb dawn l-artikoli miktubin minn Zebbuġin li riedu jfakkru din il-ġrajja importanti fl-istorja mhux biss tar-Raħal tagħhom imma ta' Malta kollha. Għaliex din l-Istatwa tal-ġħaġeb fl-eżattezza tal-espressjoni artistika tagħha hija bla dubju ta' xejn wieħed mill-isbaħ teżori ta' arti li għandha l-Knisja Maltija.

Statwi sbieħ f'Malta għandna u mhux ftit. Imma skolpita fil-fidda b'arti li tgħaġġeb lil kull min iħares lejha ma ghandniex ħlief statwa waħda biss: S. Filep ta' Ħaż-Zebbuġ.

B'danakollu mhux biżżejjed illi nammiraw il-ġmiel artistiku ta' din l-istatwa sabiħa. Jeħtieġ li jkollna l-vera devozzjoni lejn dan it-Tawmaturgu li taħt il-Ħarsien tiegħu l-Provvidenza Divina avdat il-Parroċċa tagħna. Filwaqt li nħarsu lejH bl-idejn tiegħu mqabbda mas-Salib tal-Fidwa li bih rebaħ lill-ġħadu t'Alla u tal-bnedmin, aħna ghandna nimxu fuq il-passi tiegħu. Kif iġħallimna Santu Wistin "Devozzjoni mingħajr imitazzjoni hija impusturar". Ghalhekk, jekk kull sena t-12 ta' Mejju jfakkar lil ulied Ħaż-Zebbuġ li ghandhom jimitaw lill-Missier Tagħhom San Filep, din issena ghal raġuni aktar qawwija ghandhom jixtarru sewwa din il-Verità. Missirijietna, bi sforzi mhux żgħar, irnexxielhom iħallulna dan il-monument tad-devozzjoni qawwija u sinċiera tagħhom lejn San Filippu t'Aġġira. Inqisu li aħna ma nħallux din id-devozzjoni tibred imma, ghall-kuntrarju, inħeġġuha iżjed biex bla mittiefsa, anzi aktar sħieħa u qawwija, inħalluha bħala wirt l-aktar ghażiż lil uliedna u lil ulied uliedna.

IL-BIDU TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ

Fiż-żmenijiet tan-nofs, Malta kienet tinsab f'taħwid kbir. Minħabba li pajjiżna kien dependenti minn Sqallija, kull bidla ta' Gvern kienet iġġib magħha l-konsegwenzi tajbin jew ħżiena li fih ikun ir-Renju. U għalhekk matul erba mitt sena (1090-1530), Malta ghaddiet taħt idejn in-Normanni, Svevi, Anġojjini, Aragoniżi u Kastiljani.

Hu probabbli hafna li bidu raħalna hu fi żmien l-Aragoniżi meta fi Sqallija kien jaħkem ir-Re Federiku III u f'Malta kellna bhala Konti (kontra l-privileġġi li kien tana r-Re Louis) lil Robertu, Duka ta' Amalfi. Billi aħna kellna x'naqsmu hafna ma' Sqallija, hi haġa čara li kien isir il-kummerč bejn pajjiżna u l-Italja. L-Industrija l-aktar ta' fejda f'Malta kien l-insiġ tal-qoton u ż-Żebbuġin ma kien jghaddihom hadd ghal dan ix-xogħol (1). L-Importazzjoni minn Sqallija kienet tikkonsisti fi mquh u taghmir ghall-bhejjem ghax lanqas dak iż-żmien tagħna ma kienx iservina ghalkemm il-popolazzjoni kienet anqas. Mat-taħwid fi Sqallija u xi ftit ibagħbis fil-kummerč (1414), kien hawn il-biża' mill-furbani (2). Ħaż-Żebbuġ, billi hu bghid mill-bahar ftit ġarrab hsara minn taħt idejn dawn in-nies. Minħabba l-furbani u bħala ghassa ta' pajjiżna, iffurmat ruħha d-Dejma, li magħmula minn nies tal-parrocči kollha ta' Malta, kienet tieħu hsieb l-ixtut u l-irħula tagħna (3).

Fis-seklu XV, Ħaż-Żebbuġ ma kienx jeżisti bħal ma nafuh illum. Il-parti fejn issa hu raħalna kienu jinstabu tlitt irħula čkejknin: Ħal-Dwin, Ħal-Mula u Ħal-Muxi. Ghalkemm ma ghandniex dokumenti biex naraw in-numru ta' qassisin li kienu jghixu f'dawn l-irħula, iżda nistghu ngħidu bi żgur li kien isir il-quddies u l-amministrazzjoni tas-sagramenti fil-Knisja tal-Kandlora li taħbat f'tarf Ħal-Dwin.

Skond tradizzjoni qawwija, (iżda mhux konfermata mill-ebda dokument), dik il-bičča art li kienet tinstab bejn it-tlitt irħula kienet kollha mħawla b'siġar taż-żebbuġ, pro-

prjeta' ta' wiehed Sqalli minn Katanja jismu Filippu. Dan ir-raġel twajjeb li kien jgħix għal ħabta tas-sena 1380, ra li hemm bżonn ta' knisja fejn in-nies tkun aktar milħuqa mill-qassis. Malajr għalhekk inbniet Knisja relattivament kbira f'nofs il-ġnien ta' Filippu (4).

Mid-deskrizzjoni li jagħtina Mgr. Duzzina fis-sena 1575, din il-knisja kienet forma ta' salib bi tnax il-artal, b'kor u sagristija li minnha kont titla' ghall-kampnar (5). Billi Filippu kien minn Sqallija u forsi wkoll minħabba ismu, xtaq li bħala titular ta' din il-knisja jkun San Filippu ta' Aġġira. Abela, fl-istorja tieghu fuq Malta jgħid li Ħaż-Żebbuġ hu taħt il-patroċinju ta' San Filippu minħabba i-Isqof ta' Malta, Antonio Platamone, li kien membru ta' l-Abbazija ta' Aġġira. Minbarra dan l-Isqof, kien hemm ukoll żewġ Isqfijiet ta' Malta, Bernardone de Paterno (1446) u Giacomo de Paterno (1447), li t-tnejn kienu superjuri fl-Abbazija ta' San Filippu. (6).

Sas-seklu XV, Malta kellha biss żewġ parroċċi, l-Imdina u l-Birgu. Dawk iż-żewġt ibliet kienu jiffurmaw il-parti kolta u l-parti kummerċjali ta' pajjiżna. Billi kienu mgħammrin sewwa b'suldati sqallin u tad-dejma, kienu l-imkien fejn il-Maltin kollha mill-irħula jinġabru bi ħġarhom biex jitħarsu mill-furbani. L-irħula l-oħra għalhekk kienu jisservew jew b'qassisin mir-raħal stess jew minn qassisin mibgħutin mill-Birgu jew mill-Imdina. Ghall-ħabta tas-sena 1430 insibu żewġ qassisin li ghallinqas kienu joqgħodu Ħaż-Żebbuġ: Frangisku Sillato u Renaldus Tabuni. (7)

Fis-sena 1433 laħaq Isqof ta' Malta, Don Senatore de Mello u ra li l-poplu kien jeħtieġlu aktar parroċċi (8). Ghalhekk fl-1436 ħatar tmien parroċċi ġodda u fosthom, ghalkemm l-aħħar waħda, kienet il-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ. Bħala l-ewwel kappillan tagħha, l-Isqof ghoġbu jagħżel lil Dun Frangisku Sillato.

Kif wiehed jista' jobsor ħafna djar bdew jinbnew ħdejn il-Knisja parrokjali u s-sinjuri ta' l-Imdina kienu jiġu jgħaddu s-sajf ġol-vilel tagħhom f'Ħaż-Żebbuġ kemm minħabba l-pożizzjoni naturali tieghu kif ukoll minħabba l-kaċċa li kienet l-aqwa sports ta' dak iż-żmien. F'dan iż-żmien ir-raħal tagħna kien sar ħaġa waħda — jiġifieri Ħal-Dwin, Ħal-Muxi u Ħal-Mula ma baqgħux iżjed jeżistu u iżda nghaqdu f'raħal wiehed — Ħaż-Żebbuġ.

1. Sir Harry C. Luke "Malta".

2. Arch. Cath. n. 16 v. AA.

3. Arch. Cath. Ms 27. f. 171.

4. Ferris: "Chiese di Malta"' ma jaqbilx ma' dak li qal Mifsud fil-"Bibl. Maltese 1764 li jaghti d-data 1412."

5. R.M.L. ms. 643.

6. Abela. Lib III not I pg. 136.

7. Abela. Lib III not I pg. 314-6.

8. Ibid.

San Filippu t'Aġġira

IL-HAJJA TA' SAN FILEP

Fl-ewwel seklu tal-Knisja l-Vanġelu kien diġa' xtered mal-parti l-kbira ta' l-Ewropa kif qallhom Ġesu', l-Appostli xterdu ma' kullimkien iwettqu l-kmand Tiegħu. San Pietru flimkien ma' San Mark Evanġelista fil-vjaġġ tagħhom minn Antijokija ġhal Ruma niżlu Sqallija u ppriedkaw il-Vanġelu f'Sirakuża kif ukoll f'Katanja. Qabel ma ħalla Sqallija ġhal Ruma San Pietru ikkonsagra tlett isqfijiet San Marċjanu ta' Sirakuża, San Pankrazju ta' Taormina u San Birillu ta' Katanja. Billi San Pietru kien mar personalment Sqallija, kien jieħu ħsiebha bi ħrara speċjali. Ġhalhekk meta wieħed delegat minn Aġġira mar ġhandu u qallu l-istat li fih kienet tinsab Aġġira maħkuma mix-xitan, San Pietru fittex li jibġhat bniedem kapaċi biex jeħodha kontra l-ġhadu nfernali. San Pietru isib il-bniedem adattat fil-persuna ta' Filippu, saċerdot li ma kienx ilu li wasal Ruma u li ġie ordnat saċerdot minnu stess.

Filippu twieled mill-ġenituri Teodosju u Augea, ġhonja bil-ġid ta' din l-art imma wisq iżjed nobbli quddiem Alla. Kif insibu f'rivelazzjoni privata Alla lil dawk li Huwa jħobb jagħmel li jbatu. Hekk ġara lil Teodosju u Auġea. Waqt li t-tlett uliedhom kienu qegħdin jirritornaw lejn darhom minnegozju ġherqu fix-xmara Sagarin. Teodosju u Auġea ħassewha ħafna t-telfa ta' wliedhom. Auġea ħassitha b'mod speċjali t-telfa ta' wliedha u ħasbet biex tmur f'pajjiżha Ruma. Imma Alla, kif iġħid il-proverbju Malti, ma jsawwatx u jerġa'. ma riedx li jżid dan id-dulur lil Teodosju. Teodosju mimli fil-fiduċja fil-ħniena t'Alla, talab lil Alla biex isabbarhom billi jagħtihom ulied oħra. Ma' dan it-talb żied il-karita' li ħija wisq magħġubha quddiem Alla. Alla sema' t-talba ħerqana ta' Teodosju, u ġara waqt li Auġea kienet rieqda raġel xiħ jidhrilha jsabbarha ġhat-telfa ta' wliedha u jagħmlilha l-kuraġġ ġhax Alla sema' t-talba tagħhom. Meta stenbħet marret qalet kollox lil żewġha, u meta sema' dan it-tnejn flimkien marru l-knisja biex jirringrazzjaw 'l Alla talli sema' t-talba tagħhom u wegħduh li jekk it-tarbija li titwieled ikun tifel jikkonsagrawh ġhas servizz Tiegħu.

Wara ftit żmien Filippu twieled. Filippu taħt il-ħarsien tal-ġenituri tiegħu kien jikber fl-ġherf u fil-qdusija. Mill-ew-

wel Filippu wera x-xewqa li jsir saċerdot u ta' tnax-il sena beda l-istudju. Meta kellu wieħed u ġħoxrin sena ġie ordnat djaknu. Billi ommu kienet rumana kienet issemmilu fuq il-kobor ta' Ruma u fuq San Pietru l-Vigarju ta' Kristu. Filippu mixġħul minn dan il-kliem xtaq ħafna jżur Ruma. Meġħjun minn missieru, Filippu jitlaq lejn Ruma. Fil-vjaġġ tqum tempesta kbira, imma San Pietru jidher lil kaptan Tomasu u qallu biex iwassallu lil Filippu ġewwa Ruma. Meta wasal Ruma Filippu ġie moġħti d-don tal-lingwi minn San Pietru billi ma kienx jaf jitkellem bil-Latin, biex ikun jista' jgħinu fiċ-ċerimonji bħala djaknu.

Wara ftit li kien ilu Ruma San Pietru ordnah saċerdot. Mill-ewwel Filippu inxteħet għall-apostolat imsaħħaħ mill-orazzjoni u mit-tgħakkis tal-ġisem. F'dak iż-żmien wasal il-messaġġ tan-nies ta' Aġġira lil San Pietru fejn talbuh biex jibaġħtilhom bniedem kapaċi biex jeħlishom mill-ħakma ta' Satana. Ix-xitan kien ħakem dik il-belt u kien jaħqar kemm jiflaħ lin-nies taġħha. San Pietru meta ra kemm hu diffiċili li teħodha kontra d-demonju, talab 'il Alla biex jurih lil min jibgħat għal din il-missjoni. Wara ħafna talb San Pietru jaġħżel lil Filippu. Il-Vigarju ta' Kristu jdur fuq Filippu u jgħidlu, "Hu f'idejk il-ktieb tal-Vanġelu, mur f'Aġġira u eqred lid-demonji li jinsabu jaħkmu dik il-belt, id-driegħ tal-Mulej ikun mieġħek."

Filippu dejjem obbidjenti, malajr jitlaq lejn Aġġira. Meta jasal flimkien mas-sieħeb tieġħu Ewsebju jitilgħu fuq muntanja viċin il-belt u hemm ġo ġħar joqoġħdu jitolbu u jsumu ġħal tliet ijiem. Meta wasal iż-żmien Filippu jitla' fuq il-muntanja fejn kien iġib il-belt ta' Aġġira taħtu u wara talba kollha ħrara 'l Alla jerfa' drieġħu u bil-ktieb tal-Vanġelu jaġħmel is-sinjal tas-salib fuq Aġġira. Dalma kbira waqgħet ma' kullimkien, terremot qawwi heżżeż il-muntanja, ġħajjat u twerżiq instemgħu fl-arja. Xbiehat li jwaħħxu dehru jittajru u jiġġerrew ma' kullimkien. Dan kollu ma damx ħlief ġħal ftit minuti. Meta waqaf kollox Filippu flimkien ma' sieħbu Ewsebju niżel biex jibda l-missjoni tieġħu.

Ġħal dan l-ispettaklu hekk tal-biża' n-nies ta' Aġġira ndunaw li dan kollu ġej minn xi setgħa akbar minn dik tax-xitan. Filippu qallhom imnejn ġejja dik is-setgħa, u ġejja mill-qawwa tal-veru Alla ħallieq, u sid ta' kollox u li hu,

Filippu, ma kienx ħlief biss il-qaddej. Għal dan il-kliem innies ta' Aġġira komplew jisimgħu fuq dan Alla li jista' kollox. Filippu kompla jgħallimhom bil-kelma u bl-eżempju tal-ħajja qaddisa tiegħu. In-nies imqanqlin bl-eżempju ta' Filippu xtaqu jitgħallmu iżjed fuq din ir-reliġjon u ħafna minhonm bdew jitgħammdu. In-nies bdiet tħalli t-tempji ta' l-allat foloz għax għarfet il-qerq tagħhom u tersaq lejn l-għar ta' Filippu. Il-qassisin tat-tempji ta' l-allat foloz ma ħadux gost b'dan it-tagħlim ġdid ta' Filippu għax it-tempji zvojtaw. Dawna bdew jaraw f'hiex isibu u jakkużaw lil Filippu, imma ma rnexxielhomx.

Meta Alla jagħti xi missjoni lil xi ħadd Huwa jagħtih il-mezzi biex jista' jkompliha. Hekk mar jagħmel ma' Filippu, Huwa tah id-don tal-mirakli, u speċjalment setgħa kbira fuq id-demonju. Kull fejn sabu jgħammar sew f'persuni u sew f'postijiet Filippu keċċieh fl-isem t'Alla u ta' l-Appostlu Pietru.

Xhieda ta' dan għandna ħafna mirakli reġistrati fil-ħajja tiegħu. Insibu miktub li x-xitan irrabjat għat-telfa li ġarrab għas-setgħa ta' Filippu, daħal fit-tifla ta' wieħed nobbli tal-belt li kien għadu kif sar nisrani. Dan mimli bil-fiduċja rrikorra għand Filippu. Filippu refa' għajnejh lejn is-sema, qiegħel idejh fuq ras it-tfajla u qal lix-xitan, "Bil-qawwa t'Alla u tal-Appostlu Pietru oħroġ minn din ix-xebba u mur fil-post għalik imħejji." Dlonk instema' leħen talbiża' li qal, "Bil-qawwa t'Alla u tal-Appostlu Pietru jkolli noħroġ minn din it-tfajla. Filippu, iżda minn dan il-lok qatt ma nitbiegħed u hawn nibqa' ngħammar sa l-aħħar tad-dinja." F'dan il-ħin sabbat lil dik ix-xebba ma' l-art f'riġlejn Filippu li qajjimha mfejqa għal kollox. Imma Filippu ma strieħx hawn, imma baqa' sa ma keċċa lix-xitan minn Aġġira kollha minkejja l-kliem tiegħu li jibqa' hemm. Alla ta setgħa lil Filippu mhux biss fuq ix-xitan imma wkoll fuq kull xorta ta' mard u anke fuq l-istess mewt. Insibu rrakkontat fl-Istorja li darba fejjaq lil wieħed Atonasju minn gidma ta' lifgħa, darba oħra biddel is-sentenza għall-mewt ta' tnax li kienu innoċenti minn Girġenti. Insibu wkoll li darba qajjem mill-mewt lil wieħed żagħżugħ li waqa' mejjet wara li xorob minn ċerta għajn.

San Filep mhux biss f'Aġġira ppriedka u għamel ilmirakli imma mal-biċċa l-kbira ta' Sqallija kif tixhdu l-Is-

torja u l-istess devozzjoni li tinsab imxerrda f'bosta bliet u rhula. Anke fil-Martiroloġju Ruman insibu xhieda ohra fejn jinsab mikurb li San Filep mibghut mill-Vigarju ta' Kristu fi Sqallija ikkonverta l-biċċa l-kbira ta' din il-gżira ghar-religjon nisranija.

Is-saltna tad-demonju meqruda ghal kollox ġewwa Aġġira, il-fidi nisranija hija mwaqqfa, ghalhekk il-missjoni ta' San Filippu ġiet biex tispiċċa. Alla ghoġbu jgharraf lil San Filippu bil-ġurnata tal-mewt tieghu. Erbghin jum qabel il-mewt tieghu huwa bagħat isejjah lil ċertu bniedem ghani u ta' tjieba kbira jismu Belisarju, u wrieh il-post fejn kellu jindifen. Hawn lesta żewġ oqbra wiehed fuq l-ieħor, ta' taht ghalih u l-ieħor ghal sieħbu Ewsebju. Meta waslet il-ġurnata qaddes l-ahhar quddiesa tieghu u kif kien liebes bl-ilbies tal-quddiesa, ha l-ktieb tal-Evanġelju f'idejh u mexa lejn il-qabar minnu mhejji. Huwa jinżel fil-qabar, iqieghed il-ktieb fuq sidru u jghid, "Dan hu l-mistrieh tieghi ghal dejjem". Kien il-jum tat-12 ta' Mejju meta Filippu ttajjar ghall-glorja tal-ġenna. Is-serv fidil u ghaqli kien daħal fil-hena tas-Sinjur tieghu.

META GHEX SAN FILIPPU T'AĠĠIRA FL-EWWEL JEW FIL-ĦAMES SEKLU?

Il-ħajja ta' dan il-Qaddis, patrun ta' Ħaż-Żebbuġ, nafuha minn dak li kitbu fuqu Ewsebju, li ġhex fis-seklu V u Atanasju, li ġhex ġhall-ħabta tas-seklu VII jew VIII. Billi sieħeb San Filippu kien jismu Ewsebju, kien hemm min haseb li dan hu l-istess Ewsebju tas-seklu V li kiteb il-ħajja ta' San Filep, u ġhalhekk qalu li San Filippu ġhex fis-seklu V.

Minbarra dan, fil-ktieb ta' Ewsebju nsibu li Filippu kien mibġhut f'Aġġira "temporibus Arcadii Imperatoris", jiġifieri "fi żmien l-Imperatur Arcadius" li kien isaltan fil-bidu tas-seklu V mis-sena 395 sas-sena 408. Jerġa', Ewsebju jsejjaħ lill-Papa li baġhat lil Filippu f'Aġġira, bl-isem ta' Patrijarka, isem li ma kienx jintuża fl-ewwel seklu, meta aħna naħsbu li kien jġhix San Filep. Xi drabi, Atanasju ma jaqbilx ma' Ewsebju f'dak li jġhidu fuq Filippu, u ġhalhekk, jaħsbu x'uħud, mhumiex ta' min joqġhod fuqhom wisq. Ewsebju jġhid ukoll li Filippu bena knisja u ddedikaha lil San Pietru, imma billi fl-ewwel seklu San Pietru kien ġhadu ħaj, San Filep ma setax jibnilu knisja kieku hu ma ġhex fil-ħames seklu.

Fil-ktieb ta' Ewsebju wkoll, tissemma' l-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib, festa li ma setġhetx bdiet qabel is-seklu IV u ġhalhekk San Filep ma setax ġhex qabel dan is-seklu. Fl-aħħarnett fis-seklu V kien hemm f'Aġġira Monasteru msejjaħ "ta' San Filippu" u minn hawn xi ġhorrief ħasbu li dan il-monasteru kien imwaqqaf mill-istess San Filippu li ġhalhekk jiġi ġhex fis-seklu V.

Aħna ż-Żebbuġin inwieġbu li dawn id-diffikultajiet ma' ġhandhomx qawwa biżżejjed biex iġegħluna nbiddlu t-twemmin taġhna li San Filep ġhex fl-ewwel seklu.

L-ewwelnett, ġhandna favur taġhna t-twemmin sod tannies ta' Aġġira stess, il-belt fejn ħadem San Filippu. F'kull żmien kull meta mar xi ġharef isaqsi lil dawn in-nies min baġhat lil Filippu f'belthom, huma kienu pronti jwieġbu li baġhtu San Pietru. Wieħed biss fost il-Papiet li kellna s'issa kien jismu Pietru, l-ewwel Papa, li m'hemmx ġhalfejn ngħidu,

ghex fl-ewwel seklu. In-nies t'Aġġira żammew tradizzjoni fejn kien midfun Filippu, u meta fittxew, sabu l-ghadam tiegħu fil-post eżatt fejn huma emmnu li kien ghal mijiet ta' snin. Jekk din it-tradizzjoni kienet vera, ghaliex ghandna mmeru t-tradizzjoni soda l-oħra tan-nies t'Aġġira li San Filep kien mibghuta ghandhom minn San Pietru?

Meta niltakru li ħafna pitturi pinġew lil San Filep qed ikun mibghut minn San Pietru, li ħafna ghorrief kitbu l-istess ħaġa fuqu, li l-iskrizzjonijiet taħt il-monumenti tiegħu jtennu l-istess tradizzjoni, aħna nkomplu aktar nitwettqu fit-twemmin taghna li San Filep ghex fl-ewwel seklu.

Fil-ktieb ta' Ewsebju stess, insibu ħafna episodji li jsaħħu dan li qegħdin nghidu. Kif Filippu wasal Aġġira, Ewsebju jghid li Filippu "ghamel talba lill-Appostlu Pietru, li minnu kien ġie mibghut — orationem convertit ad eum, a quo missus venerat, ad Apostolum Petrum". Meta San Filep kečča x-xjaten minn Aġġira, sieħbu qallu: "Vere, Philippe, discipulum te ostendisti ejus, qui presbyterum te consecravit, Petri — Filippu, inti wrejt ruħek dixxiplu tassew ta' dak Pietru li kkonsagrak saċerdot." Ix-xjaten instemghu jghajtu: "Pellimur a Petro per Philippun — Aħna mkečċijin minn Pietru permezz ta' Filippu". Kif naraw, dejjem Pietru huwa l-Papa li jissemma, mela Filippu kien jghix fi żmienu.

Atanasju jghid li San Filep ħadem fi żmien Neruni, li kien Imperatur ta' Ruma mis-sena 54 sas-sena 68.

Kieku San Filep ghex fil-ħames seklu, ma kienx ikun hemm ghalfejn ikun mibghut Aġġira, ghaliex fil-ħames seklu kien hemm bosta isqfijiet u saċerdoti fi Sqallija li setghu jmorru Aġġira. Jerġa' meta Filippu mar Aġġira, huwa daħal igħammar ġo ghar. Kieku mar fil-ħames seklu, kien ikun hemm xi knisja jew xi familja nisranija fejn imur. Filippu kečča x-xjaten mill-pagani. Kif jista' jkun, kieku San Filep ghex fis-seklu V, li meta Sqallija kollha kienet Nisranija. Aġġira kienet ghadha mhix?

Meta rajna l-provi li juru li Filippu ghex fl-ewwel seklu, inwieġbu ghad-diffikultajiet li semmejna fil-bidu ta' dan l-artiklu. Ghalkemm Ewsebju, il-kittieb tas-seklu V, ghandu l-istess isem ta' sieħeb Filippu, m'hemmx raġuni li nghidu li dawn it-tnejn huma l-istess bniedem, anzi Ewsebju tas-seklu V jitkellem fuq Ewsebju l-ieħor bħala bniedem di-

vers minnu. Il-kelmiet "Temporibus Arcadii Imperatoris" kienu mniżżlin mill-kittieb Ewsebju biex juri f'liema żmien huwa kiteb il-ħajja ta' San Filep, imma meta l-ktieb tiegħu kien ikkupjat, dak li kkupjah ħa żball u ħaseb li Filippu stess ġhex fi żmien l-Imperatur Arcadius, u niżżilha kif deherlu hu. Li Ewsebju jsejjaħ il-Papa bit-titlu ta' "Patrijarka" mhux argument li l-Papa li baġħat lil Filippu ma kienx jgħix fl-ewwel seklu; imma Ewsebju jsejjaħlu hekk biex in-nies tas-seklu V ikunu jistgħu jifhmuh aħjar.

Atanasju u Ewsebju ma jaqblux f'affarijiet żgħar imma t'dak li hu importanti jaqblu dejjem. Il-fatt li Filippu bena knisja u ddedikaha lil San Pietru mhux argument kontra taghna. San Pietru ħa l-martirju fis-sena 67 u Filippu ġhex ħafna snin wara din id-data, li fihom seta' jibni knisja lill-ewwel Papa li diġa' kien ivvenerat bħala qaddis. Dwar il-festa ta' l-Eżaltazzjoni tas-Salib, ħaġa żgħira li dan hu żball iehor ta' min ikkopja l-ktieb ta' Ewsebju. Fl-aħħarnett, il-Monasteru ta' San Filippu kien jeżisti qabel il-ħames seklu, ġhaliex ġhall-ħabta tas-sena 384 kien imsemmi u mogħti f'idejn kumpanija ta' patrijiet. Dan il-monasteru kien knisja qadima, iddedikata lil San Filep, u li kienet imsewwija u mogħtija f'idejn il-patrijiet fis-seklu IV li tawh l-isem "ta' San Filippu."

Meta naraw li hemm tradizzjonijiet sodi, li l-istorja stess turina, li d-diffikultajiet ma jiswewx, ikollna nistqarru li San Filippu t'Aġġira ġhex fl-ewwel seklu.

TALBA TAL-KAPPILLAN DUN FELIĊ BORG BIEX HAŻ-ŻEBBUĠ JIĠI MOGĦTI L-ISEM TA' BELT

Il-Wisq Reverendu Kappillan u n-nies ta' Ħaż-Żebbuġ, qaddejja fedelissimi ta' l-Altezza tiegħek Serenissima, wara li raw il-kwalitajiet tajba tiegħek fiż-żmien li ilek fix-xogħol ta' Gran Mastru, jitolbu li jitwettaq progett tagħhom li jkun prova awtentika tar-rispett tagħhom lejk. Għalhekk mehdijin b'dak ix-xogħol li jaħsbu li l-aktar joġġob lill-Altezza tiegħek Serenissima, jitolbu biex jitbiddel l-isem ta' raħalhom li hu Żebbuġ, simbolu tal-paċi, f'ieħor aħjar. B'dan il-mod raħal mhux magħruf jiġi mgħolli għall-unur ta' belt bl-isem ta' de Rohan, li hu wieħed mill-ismijiet l-aktar magħrufa u rispettati tl-Ewropa.

Ir-raġunijiet meħtieġa biex ir-raħal ikun iddekorat b'dan it-titlu hekk glorjuż, huma li Ħaż-Żebbuġ jista' jiftaħar bin-numru ta' nies, li huma l-aktar komdi fil-Ġzira li jlaħħqu madwar 5,000; l-arja tal-post hi ta' fejda kbira waqt li ġa tħejja kull ma hemm bżonn għal bini ta' sptar.

U jekk l-Altezza tiegħek Serenissima toġġobha tagħti din il-grazzja, iċ-ċittadini ġodda tal-Belt Rohan, b'rikonoxxenza malajr jieħdu f'idejhom ix-xogħol ta' żewġ bwieb jew ta' żewġ monumenti dejjiema bħala turija tal-fedelta' u riverenza tagħhom flimkien ma' imħabbithom.

"AHNA, IL-GRAN MASTRU TA' L-ORDNI OSPITALIER TA' SAN GWANN TA' ĠERUSALEMM, NORDNAW li r-raħal imsemmi fit-talba jiġi mgħolli għat-titlu ta' Belt, u nixtiequ isimha jkun mill-isem ġentili tagħna, BELT ROHAN. MOGĦTIJA MILL-PALAZZ din il-ġurnata 25 ta' Ġunju 1777: : L. Chinchant, aud.

R.M.L. arch. 581, fol: 243 v.

It-talba li l-Kappillan Dun Feliċ Borg f'isem iż-Żebbuġin bagħat lill-Gran Mastru biex Ħaż-Żebbuġ isir Belt. L-aħħar paragrafu hu l-approvazzjoni ta' de Rohan.

DE ROHAN F'ĦAŻ-ŻEBBUĠ

RELAZZJONI TA' L-EWWEL ZJARA LI L-GRANMASTRU GĦAMEL LILL-PAROĊĊA TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ FIL-FESTA TA' SAN FILIPPU T'AĠĠIRA, IL-PATRUN TA' DAK IR-RAĦAL LI ĠIE MGĦOLLI GĦALL-ĠIEĦ TA' BELT F'DIN IS-SENA 1778.

Ħamest ijiem qabel il-festa, il-Kappillan Dun Feliċ Borg u l-prokuratur tal-Knisja Dun Gejtanu Brignone, marru fl-uffiċċju ġuratali tal-Granmastru li hu magħmul mill-ġurati, il-Baruni Stanislaw Xara Cassia, il-Markiż Diego Muscati, Giov. Batt. Monpalao u Dr. Salvu Agius, u stiednuhom biex ikunu preżenti għall-festa. Meta l-Granmastru aċċetta l-istedina u nstabet dar f'Ħaż-Żebbuġ fejn kellu joqgħod matul il-festa, ikkmanda l-ġurati jlestu pranzu bi spejjes tagħhom li għalih stiednu l-Capitano di Verga. Il-Baruni Pas. Xiberras u b'erba' ittri li bagħtu mal-qaddejja tagħhom stiednu wkoll lill-Kappillan, lill-prokuratur, lill-predikatur u lis-sindku ta' Ħaż-Żebbuġ.

F'jum il-festa wara li t-teżorier, il-kanċellier, l-iskrivan, il-mazzier u l-qaddejja waslu fid-dar imħejjija, minnufih ġie l-Capitano di Verga. Il-Kappillan meta ra li sar il-ħin għall-funzjoni baġħat wieħed mill-qassisin liebes l-ispellizza biex jgħid lill-Granmastru li qed idoqq l-aħħar u għalhekk tajjeb li jlesti ruħu biex imur il-Knisja. Il-Ġurati għalhekk libbsu t-toga lill-Granmastru li flimkien mal-Capitano di Verga dahal fil-karrozza u ġibdu lejn il-Knisja, bil-mazzier u l-qaddejja tas-sultan mexjin quddiem. Il-Kappillan, iċ-ċerimonier u parti mill-kleru laqgħu lill-Granmastru fil-bieb miftuħ tal-Knisja. U wara li l-Kappillan ta l-ilma mbierek lill-Capitano di Verga u lill-Ġurati, baqgħu telgħin il-korsija sakemm waslu fil-post imħejji għalihom li kien fejn l-ewwel pilastru tax-xellug tal-Knisja ħdejn il-pulptu.

Wara dan, il-Kappillan, iċ-ċeremonier u parti mill-Kleru marru fl-istess post biex jilqgħu lill-Mons. Inkwiżitur li meta ġhadda minn quddiem il-Capitano di Verga u l-Granmastru li qamu bil-wieqfa, waqaf u wara li ġħamlilhom inkin u huma ġħamlulu ieħor, mar fuq is-siġġu tiegħu n-naħa tax-xellug tal-Presbiterju.

Fl-istess ħin bdiet il-Quddiesa Kantata, u fl-offertorju wara li l-Inkwiżitur bies ir-relikwa, iċ-ċeremonier mar ħdejn

il-Granmastru u l-Capitano di Verga, ħadhom biex ibusu r-relikwa u reġa' wassalhom f'posthom wara li ġhamlu nkin il-Inkwizitur, li qam bil-wieqfa x'ħin ġhaddew minn quddiemu. Kjeriku mbaġhad inċensa ġhal darbtejn lill-Capitano di Verga u kull min kellu x'jaqsam mal-Granmastru. Irċevew ukoll il-bewsa tal-paċi. Meta spiċċat il-Quddiesa, il-Kappillan, flimkien mal-Kleru wasslu lill-Inkwiżitur sal-bieb u reġġhu daħlu l-Knisja biex jakkompanjaw lill-Granmastru u lill-Capitano di Verga sal-karozza taġhhom li ħadithom iddar ippreparata.

Ġhall-ġhasar il-Capitano di Verga u l-Granmastru kienu ttrattati bl-istess mod. Fil-purċissjoni mbaġhad, il-Granmastru żamm it-torċa biex ma jinqalax inkwiet bejn il-parroċċi.

R.M.L. Ms. 352.

L-ISTATWA TA' SAN FILIPPU B'KUMMENT ARTISTIKU

Fis-sena 1860, is-saċerdoti u l-poplu ta' Ħaż-Żebbuġ urew ix-xewqa li jkollhom statwa ta' San Filippu. Il-qassis, Dun Salv Trevisan, li kellu f'idejh il-festa tal-patrun, issindku Saver Mifsud kif ukoll l-Arċipriet Naudi kienu fost l-ewlenin li taw somom sbieħ ġhax-xoġhol ta' l-istatwa, taħt il-kundizzjoni li kellha ssir tal-fidda. L-ewwel kontribuzzjonijiet laħqu s-somma sabiħa ta' £577. 16s. Ġhalhekk kif l-awtoritajiet intebħu li l-poplu ħa nteress u kien ġeneruż, ix-xoġhol beda bis-serjeta'.

F'qasir żmien in-nies ġiet mġharrfa li l-istawa kellha tinħadem Ruma minn Luigi Fontana, skultur u pittur. Sadattant il-Kavallier Overbeck u Menardi, it-tnejn professuri ta' l-arti, ġew inkarigati biex jaraw kif kien sejjer ix-xoġhol ta' Fontana.

Ix-xoġhol tant sar bir-reqqa li r-ras ma ġietx approvata mit-tliet artisti ġhall-ewwel tliet darbiet li saret. Sadattant f'Ħaż-Żebbuġ kien deċiż li tinġabar somma żġhira mill-paga tan-nies tar-raħal u din is-somma flimkien mal-flus li ġa nġabru kif ukoll b'tal-kumitat laħqet £902. L-istatwa, in-

kluż it-trasport, ir-rigal lill-iskultur, it-tberik tal-Vatikan, il-bankun maħdum mill-mastrudaxxa Filippu Vella, spejjes ta' l-aġent, tan-nutar, ittri u telegrammi — b'kollox ġiet tqum (10916 skud, bejn wieħed u ieħor £917. 15s. 5d.) Wara t-tberik ta' l-Istatwa fil-Vatikan mill-Papa Piju IX, l-Istatwa waslet Malta fid-29 ta' Lulju 1863.

L-istatwa hi maħduma fl-istil neoklassiku. Il-bidu tas-seklu XIX kien żmien ta' tibdil kemm fil-kamp politiko-soċjali kif ukoll f'dak artistiku. Wieħed mill-effetti tar-Rivoluzzjoni Franċiża li taṭ bidu għal tibdil radikali minn irbit qadim, kien preċiżament it-twarrib għal kollox ta' l-istil barokk fl-arti. L-artisti ddejjqu jikkonformaw l-ideat tagħhom mal-pitturi ta' Michelangelo u Velasquez u riedu jpinġu b'mod aktar liberali.

Kien dan it-tibdil li ġab in-neoklassiċiżmu fl-arti. Meta Luigi Fontana ġie ordnat biex jagħmel l-istatwa ta' San Filippu rnexxielu joħroġ mill-fidda, statwa tipikament neoklassika. Neoklassiċiżmu jfisser l-espressjoni artistika li biha l-Griegi kienu jesprimu l-arti tagħhom. Il-Griegi kienu nies ta' ideat oriġinali u għalhekk l-arti tagħhom kienet waħda mill-aktar preċiżi, ċara u nobbli kemm f'dik li hi anatomija kif ukoll fl-espressjoni. Luigi Fontana, mirbuh mis-siegħa tan-neoklassiċiżmu ried jagħti lil Filippu xejra ta' raġel nobbli li f'ħarstu għandek issib il-qawwa tal-personalita' tiegħu.

Fl-istatwa tiegħu, Fontana jagħtina raġel wieqaf merfugħ 'il fuq, mhux b'suppervja iżda bis-setgħa divina li kellu. Idejh il-leminija mgħollija sa rasu turi tqanqil imħeġġeġ biex ibierek u jfarraġ, waqt li idu x-xellugija mgħaqqda b'rabta magħfusa mas-salib turi l-fidi u l-karattru sod ta' Filippu. Fontana li fl-istatwa jurina lil San Filippu miexi, ikkonforma ruħu ma' l-istil Grieg u b'hekk ta l-ħajja lill-istatwa. Ir-ras ta' Filippu hi waħda mill-isbaħ xogħlijiet ta' l-arti. Jekk wieħed iqabbel l-irjus u l-uċuħ ta' l-istatwi Griegi mal-fisonomija ta' San Filippu għandu jsib xebħ enormi. Ir-ras ta' Filippu hi ras ta' bniedem li għalkemm mhux xiħ iżda turi fiha xogħol assidwu tiegħu. Ħarstu hi ħarsa penetranti — merfugħa, iżda 'l isfel, lejn in-nies li kienu jitolbuh biex iġhinhom.

L-istatwa ta' San Filippu ma fiha xejn żejjed fix-xogħol artistiku tagħha għax l-aqwa meravilja tan-neoklassiċiżmu hu preċiżament l-espressjoni eżatta fis-sempliċita'. San Filippu hu eżatt fl-armonija tiegħu.

L-ISTATWA TAL-FIDDA TA' SAN FILEP

1863 — 1963

Fis-sena 1860 hafna mill-qassisin taghna ipproġettaw l-istatwa ta' San Filep ta' l-injam. Kien hemm pero' nofs hajra li ssir din l-istatwa tal-fidda, impriża kbira, u trid kuraġġ, biss wara l-ewwel ġabra ta' l-arboral 1860 illi Dun Salv Trevisan li kien allura l-prokuratur, li stqarr illi l-istatwa ssir ta' l-injam ġew tal-fidda, skond il-mezzi. Is-Sindku ta' dak iż-żmien is-Sur Salv Mifsud kien minn ta' l-ewwel li kiteb £10 bil-kundizzjoni espressa li l-istatwa ssir tal-fidda, ohrajn imitawh, bhalma huma Dun Salv Trevisan, l-Arcipriet Tomasu Naudi, is-Sur Filippu Grima li taw minn ta' l-ewwel £10 kull wieħed u ohrajn li ffirmaw li jaghtu bil-kundizzjoni espressa li l-istatwa ssir tal-fidda, kif wieħed jista' jara fi-arboral li sar. L-ewwel arboral li sar fil-15 ta' Jannar 1860 lahaq £301. 10s. It-tieni arboral £143. 16s. od. It-tielet £58. 3s. u l-ahhar £71. 7s. Din il-ġenerożita' kollha nisslet il-kuraġġ u allura ttieħdet id-deċiżżjoni li ssir tal-fidda. Fejn sejra tinhadem din l-istatwa?

Kien hemm min qal li tista 'ssir f Lyon fi Franza, xi whud li ssir Ruma, u din l-opinjoni rebħet u allura Dun Salv Trevisan kiteb ittra lis-Sur E. Cortis aġent f'Ruma sabiex jieħu hsieb. Il-pjan malajr twettaq u ġie magħżul is-Sur Luigi Fontana, skultur u pittur imsemmi. Il-Kav. Overbeck u l-Kav. Menardi ġew magħżulin biex jassistu din l-opra. Luigi Fontana ippreżenta d-disinn. Overbeck ma sab xejn x'jikkoreġi, biss ried li s-salib ikun xi ftit itwal kif huwa llum. Ir-ras, ir-riġlejn, l-idejn, is-serpent huma fusi l-kumplament huwa xogħol martellat.

Ir-ras ġiet approvata wara t-tielet darba. Meta kollox kien ippreparat ġew magħżulin tnax-il deputat u obbligaw ruhhom li johorġu xi flus bil-patt li wara jithallsu. Ġew imqassmin kaxex ta' ġbir, fost il-fabbrikanti tal-kottnina, u fost il-bennejja u dawn il-kaxex hallew is-somma ta' £105. 13s. Ġbir ieħor sar mill-qoton £44. 3s. mis-santi ta' San Filep £48, mill-baċir tal-fidda li tqiegħed quddiem l-istatwa ta' San Filep fil-Knisja ta' l-Anġli £58. 8s. mix-xemgħa £4. 7s. b'kollox £902, barra s-somma ta' xi deputati li ma hadux lura l-flus li harġu.

L-istatwa ġiet tiswa b'kollox is-somma ta' £917. 5s. 5d.

jiġifieri (a) Li s-Sur Luigi Fontana skultur u inventur ta' l-istatwa xoghol u spejjes li ġie mhallas fi tliet darbiet issomma ta' £781. 19s. 1d.; jiġifieri £200; £ 317. 1s. 6d., £264. 14s. 7d.; (b) £135. 6s.7d. fi spejjes u drittijiet ta' l-aġent, xi telf fil-kambju, kuntratti, rigal ta' rikonoxxenza lil Fontana, trasporti, il-bankun li s'issa ghandha l-istatwa l-quddiesa kantata solenni li saret ghall-bżonnijiet ta' dawk li taw il-flus, u spejjes ohra. Waslet Malta, fid-29 ta' Lulju, 1863.

Spiża kbira speċjalment ghal dawk iż-żminijiet ta' mitt sena ilu, imma ż-Żebbuġin ma jiddispjaċihomx anzi huma bil-bosta imkabbrin bl-opra bhal din li tassew irnexxiet iżjed milli wieħed kien jistenna li taghmel unur mhux biss lil Haż-Żebbuġ imma opra ta' arti bil-bosta kbira taghmel unur lil Malta.

Mis-sbuhija ta' din l-istatwa tkellmu fuqha fil-wasla taghha l-Prof. Dr. Nikola Zammit fil-ġurnal tiegħu l-"L-Arti" fin-numru ta' Settembru 1863. Il-Kav. Ferris li qal ghal din l-istatwa "opra li tghaddi kull tifhir u fost irriċenti mill-maghrufin arkitetti u skulturi l-Prof. Ant. Sciortino u Prof. F.S. Sciortino li tkellmu.

Imma ghalkemm din l-istatwa hija ghażiża ghaż-Zebbuġin minhabba l-ghana u l-ġmiel taghha hija aktar ghażiża ghax ġiet imbierka ġewwa l-Vatikan mill-istess Qdusija Tiegħu l-qatt minsi l-Papa Piju IX u minnu stess mogħnija bl-indulġenzi kif juri r-reskritt minnu ffirmat li ghadu konservat flimkien ma' l-istatwa u l-iskrizzjoni minquxa fil-pedestall taghha miktuba mill-wisq latinista ġiżwita P. Angiolini (latinista).

Ghieluq il-mitt sena ta' din l-istatwa monumentali sejra tiżżanżan il-bradilla jew il-bankun taghha, opra kolossali ghalkemm ilha hafna ġejja, wasal issa ż-żmien li tiżżanżan. Din l-opra ġiet disinjata b'arti kbira u bi studju mill-qatt minsi Prof. F.S. Sciortino Zebbuġi, li wara li studja sewwa l-istil ta' l-istatwa mar jiddisinja skond kit titlob l-arti dina l-opra kbira li ma taghmilx ghajb l-artista ta' din l-istatwa. Ix-xoghlijiet ta' l-ornamenti ta' dan il-bankun huma mahdumin fuq mudelli mahdumin mill-istess Arkitett u Skultur F. Sciortino u l-bronz mill-maghruf brunżar Vinċenz Sammut ta' Birkirkara filwaqt li l-injam tal-bankun mill-karpentiera l-ahwa Formosa, Giovanni u Carmelo ta' Haż-Zabbar.

Imma ghalkemm din l-istatwa hija biċċa xogħol ta' arti kbira hija rikka fiha nfisha singolari, ghalkemm bosta huma dawk li japprezzawha pero' hafna u hafna huma dawk li ghadhom ma ndunawx bil-kobor tagħha, mhux minhabba xi tort imma minhabba n-nuqqas ta' informazzjoni ghax forsi tinsab ġewwa rahal daqsxejn boghod miċ-ċentri l-oħra u ma tantx frekwentat. Ghall-kuntrarju li kieku kienet tinsab f'xi ċentru, min jaf kemm ritratti, u kartolini tagħha kienu jiġu stampati, kemm riferenzi ghaliha, flimkien ma' riferenza ta' monumenti oħra sbieħ li jinsabu fil-Gżira. Anke l-Gvern, min-naha tieghu ma kienx jonqos li jitlef okkażjoni li jistampa xi sett ta' bolli postali ta' din l-istatwa bhalma ghamel drabi oħra, u dan biex dejjem inkomplu nagħmlu propaganda ta' dak kollu li jinsab antik, prezzjuż, artistiku u ta' ġmiel fil-knejjes, fil-pjazzez ta' l-ibliet u ta' l-irħula tagħna.

A. G.

WERREJ

Il-Bidu ta' Ħaż-Żebbuġ pag. 3

Il-Ħajja ta' San Filep " 7

Meta ghex S. Filippu t'Aġġira " 11

Talba tal-Kappillan Dun Felič Borg " 14

De Rohan f'Ħaż-Żebbuġ " 15

L-Istatwa ta' San Filippu f'kumment artistiku " 16

L-Istatwa tal-Fidda ta' S. Filep, 1863 - 1963 " 18

Tip. "Sagra Familja" Żabbar. Tel. 22270.